**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Richard Ellis**

Illum 14 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Richard Ellis ta' sitta u tletin (36) sena, bin Anthony u Maria nee Camilleri, imwieled Victoria, Ghawdex fil-25 t'Awissu 1963 u residenti Nru 1, Triq Pompei, Victoria, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru. 38763 G) akkuzat talli fid-19 t'April 1999 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Frar 2000 sabiex l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuza kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Rat illi l-akkuzat ma rregistra l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tal-lum;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 8 (d) u Taqsima VI tal-Kap 101;

Wara li rat il-Fedina Penali ta' l-imputat;

Tilliberah taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum;

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur